**Nomina ta' Giovanni Xuereb bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta għal Spanja**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. Inti persuna ta' esperjenza kbira u varja. X'esperjenza għandek fil-qasam tad-diplomazija?**

L-ewwel esperjenza ta' xogħol li qatt kelli kien perjodu ta' sitt xhur fl-Ambaxxata Maltija fi Brussell, li dak iż-żmien kienet isservi kemm bħala ambaxxata bilaterali għall-Belġju, l-Olanda u l-Lussemburgu kif ukoll bħala d-Delegazzjoni Permanenti ta' Malta għall-Komunità Ewropea (KE). Kien il-perjodu ta' meta Malta kienet bdiet taħseb għas-sħubija fil-KE. Temmejt din l-esperjenza wara sitt xhur proprju għaliex l-Ambaxxatur kien inkoraġġini napplika għal kors ekwivalenti għal *Masters* fl-istudji legali avvanzati Ewropej fil-Kulleġġ tal-Ewropa ġo Bruges. Fil-fatt kont fost l-ewwel ħames studenti Maltin li attendew din l-istituzzjoni prestiġjuża, meqjusa bħala *training ground* ewlieni għal dawk li jixtiequ jaħdmu fl-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll għall-politiċi u diplomatiċi Ewropej. L-ambjent fil-Kulleġġ hu wieħed li jlaqqgħek ma' studenti u professuri minn pajjiżi oħra kemm fl-UE kif ukoll f'oħrajn. L-istudji huma intenzjonati biex iħejju, kif semmejt, għal karrieri fl-istituzzjonijiet Ewropej u fid-diplomazija b'mod partikolari.

Qabel ma mort Brussell, kont temmejt b'suċċess il-kors tal-liġi fl-Università ta' Malta, fejn studjajt id-dritt internazzjonali, kemm dak pubbliku kif ukoll dak privat. Is-suġġett tat-teżi tiegħi kien 'Ir-relazzjonijiet barranin tal-Komunità Ewropea – perspettiva Mediterranja'.

Fi żmien li għamilt bħala konsulent tal-isqfijiet dwar affarijiet relatati mal-UE kont bdejt il-kuntatti u ħdimt b'suċċess biex il-Konferenza Episkopali Maltija tissieħeb fil-Kummissjoni tal-Konferenzi Episkopali tal-UE (COMECE), fejn imbagħad kont nipparteċipa b'mod regolari fil-laqgħat plenarji kif ukoll fil-kummissjoni għall-affarijiet legali. Kelli sehem f'diversi inizjattivi li kienu jinvolvu diskussjonijiet mal-istituzzjonijiet u gvernijiet Ewropej bħal, pereżempju, il-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa.

F'oqsma multilaterali oħra kelli esperjenzi bħal dik meta fl-2004 mort niddefendi r-rapport ta' Malta dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW) fin-Nazzjonijiet Uniti fi New York. Insemmi wkoll li ilni mill-2009 bħala membru tal-*Experts' Forum* tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tal-Ġeneru (EIGE).

Iktar reċenti, bħala Kap tal-MEUSAC għal perjodu ta' kważi għaxar snin u nofs, ħdimt fil-qrib ħafna kemm mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kif ukoll mal-ambaxxati li nsibu f'Malta, b'mod partikolari iżda mhux biss, ma' dawk ta' pajjiżi ta' Stati Membri oħra. Sirt midħla ħafna ta' ambaxxaturi barranin residenti f'Malta u magħhom ikkollaborajt fuq numru ta' inizjattivi bħal COP21 ta' Pariġi, il-Brexit, is-sħubija tat-Turkija fl-UE u t-*Trio Presidency* tal-Kunsill magħmul mill-Olanda, Malta u l-Islovakkja. Għadni kemm ikkonkludejt b'suċċess mal-Ambaxxata

Franċiża inizjattiva biex inġibu Malta lill-Ministru għall-Affarijiet Ewropej ta' Franza, Nathalie Loiseau, biex tieħu sehem f'waħda mill-konsultazzjonijiet maċ-ċittadini dwar il-Futur tal-Ewropa li qed norganizzaw f'Malta u f'26 Stat Membru ieħor. Ġieli jkolli l-okkażjoni niddiskuti temi ta' attwalità ma' ambaxxaturi u ma' delegazzjonijiet governattivi, anke ministerjali, minn Stati Membri oħra. L-aħħar opportunità kienet proprju ftit tal-ġranet ilu meta ltqajt mas-Sinjura Anna Sochańska, Direttur għall-Affarijiet Ewropej fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Polonja.

Inħossni kburi ħafna u anke onorat li l-ħidma tiegħi ġiet rikonoxxuta minn Stat Membru ħabib ta' Malta, meta fl-2014, ingħatajt l-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika Franċiża mill-President François Hollande bħala rikonoxximent għar-rwol tiegħi biex pajjiżna jersaq iktar qrib tal-UE.

**2. X'taħseb li huma l-isfidi ewlenin li għandha Spanja bħalissa?**

<u>Sfida politika</u>: is-sitwazzjoni politika hi waħda fejn wara li ftit xhur ilu l-Parlament Spanjol sfiduċja lill-Prim Ministru Mariano Rajoy, wara skandli li jinvolvu tixħim u korruzzjoni fi ħdan il-Partit Popolari li kien imexxi, il-gvern il-ġdid ta' minoranza, iffurmat mill-Partit Soċjalista (PSOE) mmexxi mill-Prim Ministru Pedro Sanchez, ukoll qed jiffaċċja problemi b'ministri bħal, pereżempju, is-Sinjura Carmen Montón, li kellha tirriżenja minn Ministru għas-Saħħa f'Settembru minħabba kwistjoni relatata ma' ambigwitajiet dwar il-gradi akkademiċi tagħha. Dan wara li f'Ġunju kellu jirriżenja l-Ministru tal-Kultura fuq akkużi li evada t-taxxa, akkuża li qed jiffaċja wkoll bħalissa l-Ministru għax-Xjenza.

Il-Partit Soċjalista (PSOE) għandu biss 80 minn 350 siġġu fil-Parlament u jiddependi fuq l-appoġġ minn barra ta' partiti oħra minn dawk tax-xellug estrem, il-Podemos, għas-separatisti Baski u Katalani.

Fil-jiem li għaddew, il-President tar-Reġjun tal-Katalunja, is-Sur Quim Torra, hedded li jirtira l-appoġġ għall-gvern ta' Sanchez jekk sal-aħħar ta' Ottubru l-Prim Ministru ma joffrix pjan ġdid għall-indipendenza tar-reġjun. Il-Prim Ministru wieġeb li lest li jinnegozja għal awtonomija akbar għar-reġjun, iżda mhux għall-indipendenza.

Is-sitwazzjoni parlamentari tfisser ukoll li l-Gvern jista' jimplimenta biss miżuri li għalihom kapaċi jikseb l-appoġġ ta' maġġoranza ta' deputati. Għalkemm din il-leġiżlatura baqgħalha sal-2020, hemm spekulazzjoni li Sanchez jista' jsejjaħ elezzjoni bikrija, anke minħabba l-fatt li skont l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika, il-PSOE żied fl-appoġġ popolari u jista' jirbaħ elezzjoni ġenerali.

<u>L-ekonomija</u>: Fejn tidħol il-qagħda ekonomika tal-pajjiż, wara żmien ta' awsterità, Spanja qed tirreġistra tkabbir kostanti fl-ekonomija, bil-pajjiż jikseb lura l-kompetittività. Bi tkabbir ta' 3.1% fil-Prodott Domestiku Gross fl-2017, Spanja llum għandha s*urplus* fil-*budget* tagħha grazzi għaż-żieda fl-esportazzjoni, inkluż ta' servizzi finanzjarji, tnaqqis fil-prezz taż-żejt u rati iktar baxxi ta' interessi fuq il-pagamenti. Madankollu, ir-rata ta' qagħad tibqa' għolja (15.1% f'Lulju 2018) speċjalment fost iż-żgħażagħ. Għalkemm kien hemm żieda fil-postijiet ġodda ta' xogħol li nħolqu, ftit iktar minn nofs huma impjiegi temporanji li għandhom tendenza li jkunu prekarji u

inqas produttivi. Il-produttività hi baxxa, il-pagi huma meqjusa bħala baxxi meta kkomparati ma' pajjiżi oħra fl-UE u d-dejn pubbliku jibqa' wieħed għoli.

L-identità nazzjonali: Naturalment, hemm il-kwistjoni tal-Katalunja – iżda fuq din inwieġeb fid-domanda li jmiss. Xi ftit marbuta magħha però hemm affarijiet marbuta mal-identità tal-pajjiż bid-deċiżjoni tal-gvern, ratifikata mill-Parlament ftit tal-ġimgħat ilu, li l-fdalijiet tal-eks dittatur Francisco Franco jitneħħew mill-post prominenti fejn qegħdin bħalissa – ħaġa li bilfors tqajjem mill-ġdid ċertu sentiment marbut mal-passat mhux daqstant imbiegħed ta' Spanja. Wara gwerra ċivili li ħalliet man-nofs miljun persuna mejta, Franco mexxa l-pajjiż bejn l-1939 u l-1975 b'id tal-ħadid li ma kienet tittollera ebda oppożizzjoni b'eluf oħra jispiċċaw il-ħabs jew maqtula talli kienu jopponu lir-reġim.

Il-migrazzjoni hi wkoll sfida għal Spanja, speċjalment wara l-bidla fil-politika tal-gvern Taljan u bil-politika iktar miftuħa tal-Prim Ministru Sanchez. Spanja qed issir l-ikbar destinazzjoni għal dawk li qed ifittxu ħajja aħjar fl-Ewropa. Bejn Jannar u Lulju, mat-18,600 migrant qasmu bil-baħar bejn il-Marokk u Spanja (id-doppju meta paragunat mal-istess perjodu fl-2017). Matul l-istess perjodu, fl-Italja waslu 17,000 u fil-Greċja 14,500. Ta' min jiftakar li fl-Ewropa, b'mod ġenerali, naqas sew in-numru ta' migranti li waslu fit-territorju tal-UE. Ta' min isemmi wkoll kif il-gvern Spanjol qed ikun minn tal-ewwel biex iwieġeb għal sejħiet għal għajnuna minn Stati Membri oħra, bħal Malta, li qed jiffaċjaw l-istess problema ta' wasla ta' migranti irregolari. F'Ġunju, Spanja aċċettat li l-vapur ta' salvataġġ Aquarius, b'600 migrant jidħol Valencia wara li ma tħalliex jidħol l-Italja għalkemm dan kien l-eqreb pajjiż u anqas ma tħalla jidħol Malta, għalkemm pajjiżna ma kellu ebda obbligu legali li jagħmel dan. F'Ottubru, grupp ta' 74 migrant ġie rilokat minn Malta għal Spanja.

S'issa ma jidhirx li l-migrazzjoni qed issir materja polemikuża ġo Spanja, għalkemm il-wasla ta' numri dejjem jikbru qed joħolqu sfidi, speċjalment fil-*hotspots* fin-Nofsinhar tal-pajjiż, bħal Malaga. Il-migranti li jaslu Spanja, barra mill-Marokk, ġejjin l-iktar minn pajjiżi Afrikani li jinsabu l-isfel mid-deżert tas-Sahara, il-Guinea, il-Kosta tal-Avorju u l-Mali.

**3. Kif taħseb li Spanja għandha ssib soluzzjoni dwar reġjuni fiha li qed jitolbu l-indipendenza?**

Inżomm b'mod totali mal-pożizzjoni tal-Gvern Malti kkommunikat f'Ottubru tas-sena l-oħra (wara li kien sar ir-referendum fil-Katalunja, li ġie ddikjarat bħala wieħed illegali mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Spanja) li jekk reġjun ġo Spanja jitlob l-indipendenza, dik hi kwistjoni interna għal dak il-pajjiż li għandha ssegwi l-ordni kostituzzjonali ta' dak il-pajjiż fir-rispett tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha Spanjoli.

**4. X'niċeċ ekonomiċi u ta' kummerċ ġodda tara li Malta tista' tibni relazzjonijiet iktar b'saħħithom ma' Spanja?**

L-iskambju kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi laħaq livelli rekord u ssupera l-mitejn miljun Ewro f'dawn l-aħħar erba' snin, bl-ogħla livell ta' €279.3 miljun jintlaħaq fl-2017.

Fl-2017 l-importazzjoni minn Spanja żdiedet bi €36.6 miljun (18.8%) għal €231.7 miljun. Fost il-kategoriji ewlenin insibu karburanti minerali (45.6%), ħut (5.4%) u makkinarju u apparat mekkaniku (4.3%).

Fl-istess sena, l-esportazzjoni lejn Spanja żdiedet b'€14.4 miljun għal €47.6 miljun. Il-kategoriji ewlenin ta' prodotti esportati kienu dawk farmaċewtiċi (31.5%) u makkinarju elettriku (17.65).

Jidher li anke fl-ewwel xhur ta' din is-sena, kemm l-importazzjoni kif ukoll l-esportazzjoni baqgħu jiżdiedu.

Fejn jidħol l-investiment Spanjol f'pajjiżna, insibu li kumpaniji lokali b'*shareholders* minn Spanja huma attivi fis-servizzi ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni. Hemm ukoll numru ta' fabbriki Spanjoli li stabbilixxu irwieħom f'Malta bħal Combino Pharm Manufacturing u Medichem Manufacturing. Naturalment, kif ħafna jafu tajjeb, it-trasport pubbliku Malta ilu mill-2015 operat mill-Autobuses de León, sussidjarja tal-Grupp ALSA – operatur ewlieni fit-trasport ta' passiġġieri ġo Spanja.

Is-saħħa tas-settur tas-servizzi fl-ekonomiji taż-żewġ pajjiżi joffri opportunitajiet speċjalment f'dawk l-oqsma fejn Malta qed tipprova tkun pijunier fis-Suq Intern b'mod partikolari fin-niċeċ il-ġodda li pajjiżna qed ifittex li jistabbilixxi bħas-settur tal-loġistika (u l-potenzjal ta' Malta bħala *hub* għal loġistika internazzjonali), is-settur marittimu (bl-interess dejjem jikber fl-hekk imsejħa *blue economy*), is-settur tal-enerġija u setturi relatati bħall-ilma, l-iskart u l-enerġija rinnovabbli. Bil-liġijiet il-ġodda approvati mill-Parlament Malti f'Lulju li għadda, Malta issa għandha wkoll il-potenzjal li ssir ċentru li jattira investiment fejn jidħol l-użu ta' teknoloġija distribwita u deċentralizzata bħal *blockchain* u l-*cryptocurrencies*.

Kif semmejt iktar qabel, il-qasam tas-servizzi hu wieħed b'saħħtu wkoll fi Spanja u jirrappreżenta 73.8% tal-valur miżjud tal-GDP. Imbagħad hemm l-industrja (23.5%) u l-agrikoltura (2.6%). Bħala t-tielet destinazzjoni l-iktar popolari (wara Franza u l-Istati Uniti tal-Amerka) fid-dinja, it-turiżmu huwa s-settur li jirrendi l-iktar għall-ekonomija Spanjola. It-turiżmu u s-servizzi finanzjarji huma meqjusa bħala l-pilastri tal-ekonomija Spanjola. Dan hu punt ieħor ta' konverġenza bejn iż-żewġ pajjiżi.

It-turiżmu bejn Malta u Spanja qed jiżdied minn sena għall-oħra. Turisti minn Malta għal Spanja żdiedu minn 19,408 fl-2015 għal 23,067 fl-2016 għal 27,906 fl-2017. Dan kien rifless ukoll fit-turiżmu minn Spanja lejn Malta: 47,237 fl-2015, 55,023 fl-2016 u 75,111 fl-2017, jiġifieri żieda ta' 37.2% mill-2016 għall-2017. Madanakollu, kien hemm tnaqqis fin-numru ta' studenti Spanjoli li jiġu jistudjaw l-Ingliż f'Malta – minn 3,977 fl-2016 għal 3,611 fl-2017. Għalkemm xorta mhux numru żgħir, komparat man-numru ta' studenti mill-Italja, mill-Ġermanja u minn Franza, in-numru ta' studenti Spanjoli jibqa' baxx u jista' jikber.

Jista' jkun hemm ukoll potenzjal għal oqsma ta' interess speċifiku bħat-turiżmu reliġjuż, it-turiżmu kulturali u l-potenzjal ta' Għawdex bħala destinazzjoni b'karatteristiċi uniċi.

Nemmen li Spanja għandha l-potenzjal li ssir waħda mill-imsieħba strateġiċi ta' pajjiżna b'mod speċjali fl-UE. Il-konverġenza ikbar li qed tinħoloq fuq il-livell politiku għandha tissarraf anke

f'oqsma oħra bħall-ekonomija u l-kultura. L-importanza ta' dan jikber fid-dawl ta' dak li qed iseħħ fl-Italja bil-gvern il-ġdid li qed iwassal għal sitwazzjoni fejn pajjiżna ma jistax jibqa' jieħu *for granted* l-appoġġ li ż-żewġ pajjiżi dejjem taw lil xulxin. Meta tqis ma' dan fattur ieħor – dak li s-sena d-dieħla, wara l-Brexit, bit-tluq tar-Renju Unit mill-UE, Malta tkun tilfet ukoll pajjiż *like-minded* fuq diversi materji madwar il-mejda tal-Kunsill tal-UE. Nemmen li Spanja għandha l-potenzjal li tkun fost il-pajjiżi tal-UE li magħhom Malta taqsam interessi komuni u tikkollabora fil-qrib. Naturalment ser inkun qed naħdem biex din ir-relazzjoni politika tissaħħaħ dejjem iżjed u li tissarraf anke fuq il-livell ekonomiku u kulturali.

Jidhirli li l-Ambaxxata Maltija ġo Madrid tista' tkun iktar attiva billi tgħin għal ħolqien ta' *networks*, kemm mal-komunità kummerċjali ġo Spanja kif ukoll bejn *counterparts* f'Malta u Spanja. Importanti wkoll il-kuntatti ma' ministeri, awtoritajiet u entitajiet f'Malta. Kwalunkwe inizjattiva li tittieħed mill-ambaxxata trid tkun waħda li tibni fuq l-istrateġiji li qed jitħaddmu minn dawk responsabbli f'Malta.

Wieħed jista' jara wkoll kif il-Konsli Onorarji fid-diversi reġjuni tal-pajjiż, tmienja b'kollox, jistgħu jikkontribwixxu fi strateġija koordinata.

**5. Kif qed tara l-Brexit minn lenti tal-kwistjoni ta' Ġibilità? X'għandha tkun, dejjem skont inti, il-pożizzjoni tagħna bħala Malta?**

Interessanti kif filwaqt li tissemma ħafna l-problema tal-fruntiera bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika tal-Irlanda, ninsew li Ġibiltà hu punt ieħor fejn it-territorju tar-Renju Unit ħa jmiss ma' dak tal-UE. B'differenza mal-Irlanda ta' Fuq, Ġibiltà ma tiffurmax parti mill-*customs union* tal-UE għalkemm l-ekonomija ta' Ġibiltà tiddependi ħafna fuq ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera minn Spanja, bl-intrapriżi jibżgħu minn regolamentazzjoni iktar riġida fil-fruntiera wara l-Brexit. Ġibiltà hi wkoll eżenti milli tapplika l-Politika Agrikola Komuni u l-VAT.

Ta' min jenfasizza li f'dan il-mument, Spanja mhix interessata tqajjem il-kwistjoni tas-sovranità ta' Ġibiltà, li tifforma parti mir-Renju Unit bit-Trattat ta' Utrecht tal-1713.

Ir-Renju Unit u Spanja ilhom xhur jinnegozjaw ftehim li jista' jinkludi l-użu konġunt tal-ajruport ta' Ġibiltà (li jinsab f'territorju kontestat peress li huwa barra mil-limiti territorjali stabbiliti mit-Trattat ta' Utrecht) u l-qsim komprensiv ta' data fiskali għal Ġibiltà bejn ir-Renju Unit u Spanja biex l-evażjoni tat-taxxa tiġi prevenuta. In-negozjatur ewlieni tal-UE, Michel Barnier, reċentement tenna l-appoġġ tal-UE għal Spanja f'dawn in-negozjati. Skont il-linji gwida tal-UE għan-negozjati ta' Brexit, l-ebda ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit ma jista' jappplika għal Ġibiltà mingħajr ftehim bejn Spanja u r-Renju Unit.

Sorsi tal-UE jsemmu l-possibiltà ta' tliet protokolli separati li jistgħu jiġu annessi mal-ftehim finali dwar il-Brexit (il-*Withdrawal Agreement*): wieħed għall-Irlanda ta' Fuq, ieħor għal Ġibiltà u ieħor għall-bażijiet militari tar-Renju Unit ġewwa Ċipru.

Il-pożizzjoni ta' Malta naturalment hi dik maqbula bejn il-kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tas-27 Stat Membru (fosthom il-Prim Ministru ta' Malta) fil-Linji Gwida adottati mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' April 2017, li jistipulaw li "Wara li r-Renju Unit iħalli l-Unjoni, ebda ftehim bejn l-UE u r-

Renju Unit ma jista' japplika għat-territorju ta' Ġibiltà mingħajr qbil bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit."

**6. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' din il-kariga tiegħek?**

Bl-ebda mod. M'għandi ebda impjieg ieħor ħlief bħala *lecturer part time* fi *study unit* dwar il-Politika Soċjali u l-Unjoni Ewropea fl-Istitut għall-Istudji Ewropej tal-Università ta' Malta, u kultant bħala superviżur jew eżaminatur ta' teżijiet. Jekk ikun possibbli, ser nipprova nżomm dan l-impenn għax nemmen li l-kuntatt mad-dinja akkademika u mal-istudenti hu mod tajjeb ħafna kif tibqa' taġġorna ruħek. Ma jidhirlix li n-natura tas-suġġett li ngħallem huwa wieħed li jista' jagħti lok għal kunflitt ta' interessi. Madankollu, nagħmilha ċara llum li jekk f'xi mument nintalab li nirrinuzja, minħabba li dan il-Kumitat jew il-Gvern jaħsibha mod ieħor, lest li nagħmel dan.

Il-ħatra tiegħi fl-*Experts' Forum* tal-EIGE (li semmejt fit-tweġiba għall-ewwel mistoqsija) waslet għat-tmiem naturali tagħha u ħa nitlob biex ma nkunx ikkunsidrat mill-ġdid.

M'għandix interessi kummerċjali li jistgħu jagħtu lok għal kunflitt ta' interess.

**7. Tikkonferma li inti għandek passaport wieħed u huwa dak Malti?**

Iva.

***Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni***

**1. In vista tar-relazzjonijiet tajba li pajjiżna kellu dejjem ma' Spanja, tista' tindikalna x'passi biħsiebek tieħu sabiex dan ikompli jissoda ruħu?**

Ir-relazzjonijiet bejn Malta u Spanja għaddejin minn perjodu tajjeb ħafna. Din is-sena qed niċċelebraw il-ħamsin sena minn meta ġew stabbiliti r-relazzjonijiet diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi (7 ta' Ġunju 1968). Naħseb li Spanja għandha l-potenzjal li tkun sieħeb strateġiku ta' pajjiżna, fl-UE b'mod partikolari. L-importanza li nibqgħu nsaħħu r-relazzjonijiet tinħass ukoll fil-kuntest fejn wieħed iqis is-sitwazzjoni bil-gvern il-ġdid fl-Italja u l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE f'Marzu tas-sena d-dieħla. L-Italja u r-Renju Unit huma pajjiżi li magħhom tradizzjonalment hemm konverġenza u sintonija kbira anke fil-Kunsill tal-UE. Għaldaqstant, fiċ-ċirkustanzi tal-lum, jeħtieġ li nduru lejn pajjiżi oħra li magħhom nistgħu nibnu rapporti iktar b'saħħithom fl-UE.

<u>Livell Politiku:</u> Nemmen li għandna naħdmu l-ewwel u qabel kollox għal tisħiħ fir-relazzjonijiet politiċi bejn iż-żewġ pajjiżi. L-aħħar żjarat statali li saru kienu dawk tal-President Eddie Fenech Adami fi Spanja fl-2005, li ġiet reċiprokata mir-Re Juan Carlos I fl-2009. Għalkemm il-Prim Ministru Mariano Rajoy kellu laqgħa f'Kastilja mal-Prim Ministru Joseph Muscat f'Marzu tal-2017, dan ma kienx pajjiżna fuq żjara uffiċjali iżda għall-Konferenza tal-Partit Popolari Ewropew. Il-Prim Ministru Muscat kien Madrid fl-2017 għal-laqgħa għolja tal-mexxejja tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-UE. Minn Ġunju li għadda, Pedro Sánchez huwa l-Prim Ministru ta'

Spanja. Għalhekk, s'issa ma kienx hemm żjarat uffiċjali fuq livell ta' kap ta' Gvern. Iż-żjarat ministerjali wkoll ma jidhirx li huma xi ħaġa frekwenti. Wieħed għandu jesplora x'possibiltajiet jeżistu għat-tisħiħ ta' relazzjonijiet fuq l-ogħla livell (anke dak parlamentari), kif ukoll fuq livelli oħra.

Rabtiet ekonomiċi u kummerċjali: Fejn jidħlu aspetti ekonomiċi nara potenzjal f'numru ta' oqsma, speċjalment dawk relatati mas-servizzi. Biex ambaxxata żgħira bħalma hi dik Maltija f'Madrid tkun tista' tisfrutta opportunitajiet li jista' jkun hemm, jeħtieġ li l-ambaxxata tibni (jew issaħħaħ fejn ġa jeżistu) *networks* mad-diversi setturi fi Spanja, inkluż mar-rappreżentanti tal-industrija u l-kummerċ. Naraw ukoll li l-Ambaxxata tikkordina l-ħidma li tista' ssir mit-tmien Konsli Onorarji ta' Malta mxerrda f'reġjuni differenti ta' Spanja (hemm Konsli Onorarji għal Malta f'Barcelona, Bilbao, Oviedo, Palma de Mallorca, Santander, Seville, Valencia u Vigo).

Il-qasam kulturali: Naħseb li l-qasam kulturali hu ieħor fejn jista' jkun hemm tisħiħ fir-relazzjonijiet bejn Malta u Spanja. L-artisti jistgħu jkunu fost l-aqwa ambaxxaturi ta' pajjiżna u għandna xorti kbira li f'pajjiżna n-numru ta' artisti f'kull qasam tal-arti qed jiżdied mhux biss fil-kwantità iżda wkoll fil-kwalità. Għalkemm iż-żewġ pajjiżi kkonkludew numru ta' ftehimiet kulturali, dawk li għadhom attivi huma tlieta, li huma l-ftehim kulturali tal-1976, ieħor dwar kollaborazzjoni bejn l-arkivji nazzjonali ta' Spanja u dak ta' Malta (2009) u ieħor għal kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u l-Patrimonio Nacional Fundacio Jaime II (2006). Wieħed għandu jaħdem biex il-ftehimiet eżistenti jiġu sfruttati bl-aħjar mod u jesplora oqsma oħra fejn din il-koperazzjoni tista' tinfirex b'mod partikolari fid-dawl tal-iżvilupp qawwi li qed iseħħ f'pajjiżna fil-qasam kulturali.

Għalkemm ma tantx fadal żmien biex issir inizjattiva relatata mal-Valletta 2018, u skont meta nkun nista' nibda naqdi l-funzjonijiet tiegħi jekk il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi japprova n-nomina tiegħi, ikun xieraq li b'xi mod nimmarkaw l-għeluq tal-V18 f'Madrid jew f'xi belt oħra fi Spanja.

Kuntatti gvern lokali u soċjetà ċivili: L-esperjenza tiegħi fil-MEUSAC għenitni nifhem ukoll l-importanza li l-Ewropa trid tinbena minn isfel għal fuq – għaldaqstant, ħa nipprova naħdem biex ikun hemm kuntatti akbar bejn awtoritajiet lokali f'Malta u dawk fi Spanja, u bejn is-settur volontarju u s-soċjetà ċivili fiż-żewġ pajjiżi rispettivament. Pereżempju, jeżistu erba' ġemellaġġi bejn bliet u rħula f'Malta u Spanja. Wieħed għandu jara kemm qed jitħaddmu u x'potenzjal jeżisti għal iktar ġemellaġġi. L-esperjenza tiegħi fil-MEUSAC, fejn nassistu kunsilli lokali u NGOs japplikaw għal proġetti taħt xi programm tal-UE, tatini wkoll ħeġġa biex nara sħubija akbar bejn entitajiet f'Malta u Spanja għal proġetti ta' dan it-tip.

Migrazzjoni: Qasam importanti fejn jeħtieġ li nkomplu nsaħħu l-ħidma flimkien hu dak tal-migrazzjoni, fejn Spanja qed tkun protagonista bil-politika tagħha dwar il-migrazzjoni. Minkejja li Spanja llum saret l-iktar pajjiż li fih qed jaslu migranti min-naħa l-oħra tal-Mediterran, il-gvern Spanjol qed ikun fost dawk li qed juru solidarjetà ma' pajjiżna meta jintalab jagħmel dan.

Turiżmu: Dwar it-turiżmu, nitkellem fit-tweġiba għall-mistoqsija li jmiss.

**2. Tul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fil-preżenza ta' turisti Spanjoli f'pajjiżna u ċittadini Maltin fi Spanja. Jistgħu jsiru sforzi akbar biex dawn ikomplu jikbru?**

Kif semmejtu tajjeb, it-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi qed dejjem jiżdied. Turisti minn Malta għal Spanja żdiedu minn 19,408 fl-2015 għal 23,067 fl-2016 għal 27,906 fl-2017. Dan kien rifless ukoll fit-turiżmu minn Spanja lejn Malta: 47,237 fl-2015, 55,023 fl-2016 u 75,111 fl-2017 jiġifieri żieda ta' 37.2% mill-2016 għall-2017. Madankollu kien hemm tnaqqis fin-numru ta' studenti Spanjoli li jiġu jistudjaw l-Ingliż f'Malta – minn 3,977 fl-2016 għal 3,611 fl-2017. Għalkemm mhux numru żgħir, komparat man-numru ta' studenti mill-Italja, mill-Ġermanja u minn Franza, in-numru ta' studenti minn Spanja jibqa' baxx u jista' jikber. Nara wkoll potenzjal għal oqsma ta' interess speċifiku bħat-turiżmu reliġjuż, it-turiżmu kulturali u Għawdex bħala destinazzjoni b'karatteristiċi uniċi.

Naħseb li minħabba r-rabtiet storiċi u l-komunikazzjoni tajba li teżisti bejn Spanja u l-pajjiżi tal-Amerka Latina (partikolarmanet dawk fejn jiġi mitkellem l-Ispanjol), wieħed jista' jesplora wkoll kif Spanja tista' sservi bħala pont biex tiġbed lejn pajjiżna iktar turisti minn dan il-kontinent.

Ovvjament, il-ħidma tal-ambaxxata trid titwettaq fi sħab ma' entitajiet bħall-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-kumpaniji tal-ajru u korpi li jirrappreżentaw is-setturi diversi f'pajjiżna li jistgħu jibbenefikaw. L-għan għandu jkun li nippreżentaw lil Malta u Għawdex bħala destinazzjonijiet uniċi u ta' kwalità, filwaqt li nikkunsidraw kif nippromwovu l-karatteristiċi speċifiċi ta' Għawdex bħala *an upmarket destination*. Nerġa' ntenni li dan kollu jrid isir fil-kuntest tal-politika nazzjonali dwar it-turiżmu u b'kollaborazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet rispettivi f'Malta.

Numru ta' ċittadini Maltin jgħixu ġo Spanja, bil-maġġoranza jidher li jabitaw f'Valencia, Cádiz, Madrid u Barcelona. Ma stajtx insib ċifri, iżda inħossu dmir ta' kull ambaxxatur li jagħti kas tal-konċittadini tiegħu. Wieħed għandu jara kif is-servizz tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ għar-reġistrazzjoni volontarja taċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta jista' jkun ta' għajnuna biex wieħed ikollu idea iktar ċara u jsaħħaħ il-ħolqa bejn l-ambaxxata u ċ-ċittadini Maltin ġo Spanja.

**3. Tista' tiġi kkonsidrata żieda fil-preżenza kummerċjali rispettiva u possibilment komunikazzjoni bl-ajru iktar soda?**

Bħalma semmejt għall-qasam tat-turiżmu, b'mod ġenerali, fejn jidħlu r-relazzjonijiet kummerċjali, l-ambaxxata għandha sservi bħala *focal point* fi Spanja, fejn nippruvaw nippromwovu lil pajjiżna bħala lokazzjoni ideali għall-investiment kemm fl-oqsma fejn teżisti kollaborazzjoni kif ukoll f'setturi ġodda bħas-settur tal-loġistika (u l-potenzjal ta' Malta bħala *hub* għal loġistika internazzjonali), is-settur marittimu (bl-interess dejjem jikber fil-*blue economy*), is-settur tal-enerġija u setturi relatati bħall-ilma, l-iskart u l-enerġija rinnovabbli. Bil-liġijiet ġodda approvati mill-Parlament Malti, f'Lulju li għadda, Malta issa għandha wkoll il-potenzjal li ssir ċentru li jattira investiment fejn jidħol l-użu ta' teknoloġija distribwita u deċentralizzata bħal *blockchain* u l-*cryptocurrencies*.

Kif semmejt iktar qabel, nemmen li l-Ambaxxata Maltija ġo Madrid tista' tkun iktar attiva billi tgħin għal ħolqien ta' *networks* kemm mal-komunità kummerċjali ġo Spanja kif ukoll bejn *counterparts* f'Malta u Spanja. Importanti wkoll il-kuntatti ma' ministeri, awtoritajiet u entitajiet f'Malta. Kwalunkwe inizjattiva li tittieħed mill-ambaxxata trid tkun waħda li tibni fuq l-istrateġiji li qed jitħaddmu minn dawk responsabbli f'Malta.

Fejn jidħlu titjiriet, ninnota li l-konnettività bl-ajru bejn iż-żewġ pajjiżi hi pjuttost tajba, għalkemm ninnota wkoll li l-linja nazzjonali m'għandhiex titjiriet lejn Madrid u għalhekk il-konnessjoni tal-ajru bejn Malta u l-belt kapitali Spanjola tiddependi esklussivament mil-*low cost airlines*. Jidher li hemm ħames titjiriet fil-ġimgħa għal Madrid, li milli stajt nara jiżdiedu għal tmienja fix-xhur tas-sajf. Il-*low cost airlines* joperaw ukoll minn Malta għal Barcelona seba' darbiet fil-ġimgħa. L-Air Malta topera darbtejn fil-ġimgħa għal Malaga filwaqt li hemm titjiriet darbtejn fil-ġimgħa bil-*low cost airlines* għal Seville u Valencia rispettivament u darba fil-ġimgħa għal Bilbao.

Għalkemm naturalment il-kumpaniji tal-ajru jagħmlu deċiżjonijiet ta' natura kummerċjali, il-komunikazzjoni bl-ajru hi, tista' tgħid, għal kollox dipendenti fuq il-*low cost airlines* u, għaldaqstant, jista' ma joffrix għażla lil min lest li jħallas iktar biex jiġi Malta għal raġunijiet kemm ta' turiżmu kif ukoll ta' *business* jew fuq xogħol. Dan b'mod partikolari għall-belt kapitali u anke għal Barcelona, li hi waħda mill-ibliet ewlenin fid-dinja fl-oqsma tat-turiżmu, l-ekonomija, il-kummerċ (bid-diversi fieri li tospita) u l-kultura. Barcelona tospita wkoll is-Segretarjat tal-Unjoni tal-Mediterran.

---